# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum it-8 t'Ottubru 2019**

Appell numru 115 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Diana GRECH**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-28 ta' Frar 2018 fil-konfront ta' Diana GRECH, karta tal-identita bin-numri 27182M fejn ġiet mixlija talli:

    1. Fix-xhur t'Awissu 2017 u Settembru 2017 fil-gżejjer Maltin b'diversi atti magħmulin minnha ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, irrifjutat li tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tagħha lil Joseph Dimech, hekk kif ordnata mill-Qorti jew hekk kif marbuta tagħmel bil-kuntratt mingħajr raġuni xierqa ai termini tal-artikoli 18 u 338(ll) tal-Kodiċi Kriminali.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjoni miġjuba u semgħet il-provi prodotti u rat l-atti kollha tal-kawża kontra l-appellanti rat l-artikoli 18 u 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess appellanti ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontra tagħha u kkundannatha għal twiddiba u ċanfira.

3. Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Diana GRECH li jġib id-data tal-14 ta' Marzu 2018 fejn issollevat is-segwenti aggravji :

(i) Illi wliedha minuri kienu kibru u ma kienux iridu jmorru ma missierhom għall-aċċess. Hija ma ostakolathomx milli jmorru, iżda fl-ebda stadju ma indaħlet jew żammet lit-tfal milli jmorru; anzi ħalliet f'idejhom jekk riedux imorru jew le;

(ii) Hija kienet qegħda tappella għax riedet li tipproteġi isimha;

(iii) Hija kienet innoċenti u kien biss il-parte civile li biex jiżvoga r-rabja tiegħu lejha u jevita li jħalla manteniment lill-uliedu huwa kien jevita li jara lill-uliedu għal xhur sħaħ;

(iv) Hija bl-ebda moda ma ostakolat lill-parte civile milli jeżerċita d-dritt t'aċċess tiegħu għal uliedhom minuri; iżda kienu t-tfal li ma kienux iridu jmorru jaraw lil missierhom;

(v) Il-parte civile kien qiegħed jaġixxi in mala fede b'mod li beda jitħarrek wara li l-appellanti kienet bagħtitlu ittra legali f'Ġunju 2017 fejn il-parte civile spiċċa biex talab li jsir test tad-DNA għat-tfal minuri. Din kienet manuvra minnu biex jipprova jevita li jħallas għall-manteniment tal-minuri.

(vi) Il-parte civile bl-ebda mod ma kien konsistenti u kredibbli fl-istqarrijiet li għamel mal-Pulizija fejn irriżulta anke li huwa għamel rapport (sic!) lill-Pulizija f'Ottubru 2017 minkejja li dawn l-imputazzjonijiet kienu jirrisalu għal Awissu u Settembru preċedenti – fatt li kien juri nuqqas t'interess u ħeġġa mill-parte civile li jara lill-uliedu;

(vii) Finalment l-appellanti talbet is-segwenti :

> **Ghaldaqstant**, in vista tas-suespost dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba, bir-rispett, joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tirrevoka** s-sentenza appellata u **tiddikjara** l-imputat Diana Grech

m'hux hatja tal-imputazzjoni/jiet dedotti kontriha w kwindi **tilliberah** minn kull htija w piena skond il-ligi.

4. Illi qabel xejn jingħad li f'dan il-każ, it-talba hija kontradittorjeta fis-sens li titlob ir-riforma tas-sentenza appellata flimkien mar-revoka tagħha. Bid-dovut rispett l-appell kellu jiġi redatt b'mod ċar : - jew tintalab ir-riforma jew tintalab ir-revoka. Ma jistgħux jintalbu t-tnejn li huma bil-mod kif ġie redatt f'dan il-każ. Verament li bl-emendi introdotti bl-Att I tal-2018 għall-artikolu 419 tal-Kodiċi Kriminali jistgħu isalvaw dan l-appell. Iżda din il-Qorti almenu kienet tippretendi lill-Avukat Ġenerali li jissolleva dan il-punt anke biex almenu setgħet issir il-korrezzjoni meħtieġa. F'dan il-każ li kien idur madwar imputazzjoni waħdanija, din il-Qorti sejra taċċetta dan ir-rikors bħala li kien qiegħed jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata aktar milli r-riforma tagħha. Is-sitwazzjoni setgħet tkun ħafna differenti kieku s-sentenza appellata kienet titratta aktar minn reat wieħed.

5. Illi din il-Qorti kellha terġa tisma' mill-ġdid ix-xiehda tax-xhieda li kienu xehdu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Mill-kwadru probatorju jirriżulta kjarament li bejn l-appellanti u l-parte civile Dimech għad hemm sens ta' pika qawwija li, almenu stando ma dak li ħareġ li kien qiegħed iseħħ fiż-żminijiet rilevanti għal dan l-appell, ma kienetx qegħda tħallihom jirraġunaw sew dwar il-kwistjonijiet li kien hemm bejniethom dwar l-aċċess għall-minuri wliedhom u għall-manteniment li kien dovut lilhom. Bħal ma ħafna drabi jiġri f'dawn il-każijiet, b'mod żbaljat għall-aħħar, il-partijiet iħawdu ħaġa m'oħra – dritt t'aċċess mad-dmir tal-ħlas tal-manteniment.

6. Filwaqt li l-parte civile Dimech ilmenta kif l-appellanti kienet qegħda ċċaħdu mill-aċċess għall-minuri, l-appellanti tikkontendi li da parti tagħha ma kienx minnu li hija kienet naqset minn xi obbligi versu l-aċċess għall-minuri. Biss in kontro-eżami hija tikkonferma li kien hemm episodji fejn il-minuri kienu jkunu riluttanti li jmorru mal-parte civile. Biss kien ikun il-parte civile li ma kienx jippreżenta ruħu għall-aċċess tal-minuri aktar minn ħaġa oħra. Hija tikkonferma li kien hemm kwistjonijiet bejniethom matul il-perjodu rilevanti għal dan il-każ. Il-kwistjoni li kellha quddiema l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħal din il-Qorti, hija waħda li tistrieħ prinċipalment fuq il-kredibbilita tax-xiehda tax-xhieda avversi.

7. Il-funzjoni u s-setgħat ta' din il-Qorti ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal: -

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

8. Anke jekk semgħet ix-xiehda tax-xhieda li xehdu fl-Ewwel Istanza, din xorta tibqa' Qorti ta' reviżjoni u mhux ritrattazzjoni. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, din il-Qorti terġa tanalizza l-provi u l-argumenti fattwali u legali li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Prim' Istanza – iżda ma tagħmilx dan biex tissostitwixxi lilha nnifisha għall-Qorti tal-Prim'Istanza.

9. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti ta' Prim'Istanza.[2] Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali teżerċita setgħa ta' reviżjoni billi tanalizza jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew prodotti u tal-

---

minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

argumenti fattwali u legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa f'dan is-sens u għaliex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti.

10. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet apprezzament leġittimu u raġonevoli tal-provi u tkun għamlet analizi korretta u raġonevoli tal-argumenti legali u fattwali imresqin quddiemha, din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa minn dik il-Qorti tal-Prim'Istanza. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tiġi konvinta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew tal-argumenti fattwali u legali imresqin quddiemha, b'mod li din il-Qorti tħoss li la jkun sigur u l-anqas sodisfaċenti tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, imbagħad din il-Qorti għandha s-setgħa li eċċezjonalment tiddisturba l-eżami, apprezzament, diskrezzjoni eżerċitata u deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti tal-Maġistrati u tibdilhom skont il-każ.

11. Il-Qorti tal-Maġistrati kellha l-fakulta li tara b'għajnejha u tisma' b'widnejha kemm lil parte civile kif ukoll lill-appellanta, u dan fi żmien aktar qrib tal-inċidenti meritu ta' dan l-appell. Hija kienet f'qagħda li tagħmel dik l-analiżi li hija meħtieġa li ssir skont il-prinċipji stabbiliti fl-artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali, u li huma l-għodda prinċipali li għandhom dawn il-Qrati meta jiġu biex

jiddeċiedu prinċipalment fuq l-attendibbilita u kredibbilta' ta' xiehda.

12. L-artikolu 637 jgħid li:

> L-eċċezzjonijiet dwar waħda jew oħra mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' mingħandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ:
>
> Iżda attenzjoni partikolari għandha tingħata sabiex jiġi assigurat li evidenza relatata mal-istorja u l-imġiba sesswali tal-vittma ma tkunx permessa sakemm ma tkunx relevanti u neċessarja.

13. Aktar minn hekk l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jżid li :

> (1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.
>
> (2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.

14. Din il-Qorti, tikkonċedi li għalkemm hemm diskrepanzi bejn il-verżjonijiet tal-parte civile u tal-appellant, fatt li kien ukoll probabbilment jidher ġja quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, skont dak mgħallem minn din il-Qorti, diversament presjeduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara*** deċiża nhar id-9 ta' Settembru 2002 :

> Pero` din il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-ewwel qorti taf ben tajjeb li fil-kamp penali gudikant irid ikun moralment konvint mill-htija ta' dak li jkun biex jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor skond il-ligi, provvediment, pero`, li jimporta kundanna. Meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg versjonijiet konfliggenti (bhalma hemm f'dan il-kaz) jistghu jigru zewg affarijiet: jew il-gudikant ikun tal-fehma li l- kaz tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement pruvat, u allura ghandu jillibera; jew, jekk ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta, u, jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor kif inghad. Hu evidenti minn qari tas-sentenza kollha kemm hi li, f'dan il-kaz, l-ewwel qorti accettat il-vesjoni tal-mara u skartat dik tar-ragel; u li a bazi tal-versjoni tal-mara kienu ghalhekk jirrisultaw pruvati l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet.

15. Dan l-insenjament ġie wkoll segwit fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne*** mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar id-9 ta' Lulju 2003:

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux.

16. L-appellanti targumenta li l-*parte civile* ma kienx konsistenti. Verament li xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jista' jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu.

17. U huwa għalhekk li l-Liġi **ma teħtieġx** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-sufficjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, huwa biżżejjed li l-Qorti tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni.

18. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat. Iżda biex tkun tista' ssib ħtija, il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[3] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi li jitresqu quddiemha. U l-Qorti trid toqgħod aktar attenta fil-mod ta' kif tanalizza tax-xiehda akkużatriċi ta' xhud uniku u meta tiġi biex tistrieħ fuqha.

19. Il-grad ta' sufficjenza probatorja *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni* huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li filwaqt li jeħtieġ

[3] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

ċertezza ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta. Mill-banda l-oħra huwa livell ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid,***[4] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

20.Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence,*** Adrian Keane u Paul McKeown[5] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

21.Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara fejn u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

[4] ibid.
[5] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

22. **Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.**

23. F'dan il-każ, ix-xiehda tal-parte civile hija wkoll imsaħħa mill-posizzjoni meħuda mill-appellanti fis-sens li verament it-tfal ma kienux iridu jmorru ma' missierhom u li hi ma kienetx se ġġegħelhom imorru kontra qalbhom. Hi tgħid li ma ostakolathomx milli jmorru u ħalliet f'idejhom biex jaraw iridux imorru jew le. U hawn huwa l-pern tal-każ. Għalkemm umanament il-Qorti tista' tifhem dak li omm tista' tħoss għal uliedha li forsi verament ikunu retiċenti li jmorru jaraw lil missierhom, xorta waħda jibqa' l-fatt li d-dmir tagħha (bħala persuna li jkollha l-kustodja ta' minuri u meta tkun ordnata minn Qorti jew marbuta b'kuntratt biex tagħmel dan, kif inhuwa preċiżament dan il-każ), huwa li tara li dan l-aċċess jiġi fil-fatt eżerċitat u dan irrispettivament mis-sitwazzjoni relattiva għall-ħlas tal-manteniment jew għal żidiet li hija tkun (ġustament jew le) titlob mill-parte civile.

24. L-appellanti kellha l-obbligu li tara li l-ordni tal-Qorti jew il-kuntratt li hija ffirmat għalih kellu jiġi mwettaq skrupolożament u bl-ebda mod ma setgħet titrasferixxi r-responsabbilta tal-eżekuzzjoni tal-istess ordni tal-Qorti jew patt kuntrattwali fuq id-deċiżjoni tat-tfal,

minuri, jekk riedux li dak l-ordni jew patt jitwettaq skont ir-rieda tagħhom.[6] Dan ir-reat huwa reat li jolqot direttament l-ordni pubbliku in kwantu jittratta l-obbedjenza stretta li persuna għandu jkollha lejn ordnijiet ta' Qorti kif ukoll patti kontrattwali. Iżda mhux biss.

25. Dan l-artikolu huwa simili fil-ħsieb legali tiegħu għall-kontravvenzjoni ravviżata fl-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali, li titratta l-ipoteżi fejn meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma. Fuq dan il-punt din il-Qorti kif komposta iżda diversament presjeduta fil-kawża ***Il-Pulizija vs Publius Said***, deċiża nhar id-9 ta' Lulju 2003 iddeċidiet is-segwenti : -

> l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament.

26. F'dan il-każ, jista' għalhekk jingħad b'analoġija li għan ewlieni tal-legislatur meta ntroduċa din il-kontravvenzjoni kien li jgib pressjoni

---

[6] Ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti kif komposta iżda diversament presjeduta fil-kawża ***Il-Pulizija vs Oliver Micallef*** deċiża nhar l-14 ta' Frar 2001 fejn ġie mistqarr is-segwenti :

> Anke din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti, tghamel riferenza ghas-sentenza taghha fl-Appell Kriminali 'Il-Pulizija-vs-Rose Carbonaro', deciz 26 ta'Mejju, 2000, fejn hemmhekk l-imsemmija Rose Carbonaro kienet qajmet bhala raguni l-ghaliex uliedha ma marrux ma'missierhom il-fatt li, skond hi, kienu huma stess li ma riedux imorru mieghu. F'dawk il-proceduri din il-Qorti rriteniet li ma kienetx tqis tali raguni bhala wahda xierqa ghaliex jekk tasal biex taccettaha w tghamel hekk tkun qed tohloq precedent perikoluz li zgur jista' jaghti lok ghal triq ta'kif xi hadd jista' facilment u abusivament jehles mir-responsabbilta' impoggija fuqu jew fuqha b'xi ordni bhal dik odjerna. U dan japplika ugwalment anke fil- kaz prezenti.

fuq persuni li jkunu riluttanti li jaraw li l-aċċess għall-minuri jiġi effettivament eżerċitat u mhux biss li jippunixxi l-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament.[7]

27. Ir-reat in disamina huwa dak ta' persuna li meta ordnata mill-Qorti jew kif marbuta bil-kuntratt biex jagħti jew tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tagħha, **tirrifjuta** li tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa. U huwa preċiżament dan ir-rifjut li jingħata l-aċċess li jikkostitwixxi r-reat in disamina u mhux xi forma oħra ta' inosservanza jew nuqqas t'adeżjoni ma xi ordni jew digriet tal-Qorti.[8] Dawn il-Qrati kienu propensi li ma jsibux imputati ħatja ta' dan ir-reat meta jkun hemm raġuni xierqa għalbiex persuna ordnata tirrifjuta li tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tagħha.[9] Iżda f'dan il-każ l-appellanti naqset milli tipprova xi raġuni gravi u eċċezzjonali tali li timmerita li tkun meqjusa *raġuni xierqa* b'mod li tkun ġustifikata għal dik l-okkażjoni li tirrifjuta li tagħti aċċess għall-wild jew ulied minuri. L-argument li l-minuri ma riedux imorru għall-aċċess ma missierhom jew li kienet taf li kienu ser imorru kontra qalbhom ma jissodisfax it-test

[7] Ara wkoll f'dan is-sens ***Il-Pulizija vs. Carmen Spiteri*** deċiża minn din il-Qorti kif komposta iżda diversament presjeduta nhar it-2 ta' Lulju 2012 fejn ġie mistqarr hekk :

> **Il-Qorti tfakkar li d-digrieti dwar manteniment u aċċess għandhom ikunu segwiti skruplożament għax hekk trid il-Liġi**. Ikun għalxejn li imbagħad jibdew jinġiebu ħafna skużi. La jkun hemm id-digriet tal-Qorti ma jistax wieħed jaqbad u minn rajh ma jsegwihx. L-ewwel irid ikun hemm il-bdil awtorizzat mill-Qorti u jekk ma hemmx dan il-qbil allura wieħed ikollu jiffaċċja s-sanzjoni tal-Liġi jekk hu ma josservahx.

[8] Ara wkoll f'dan is-sens ***Il-Pulizija vs. Etienne Mizzi*** deċiża minn din il-Qorti kif komposta iżda diversament presjeduta nhar l-4 t'April 2003 fejn ġie mistqarr hekk :

> Pero` dan ma jfissirx li kull nuqqas ta' osservanza ta' xi parti minn digriet ta' qorti kompetenti li jkun akkorda l-access jammonta neccessarjament ghal reat. Il-paragrafu (ll) in dizamina ma jitkellimx dwar in-nuqqas ta' osservanza ta' xi kundizzjoni f'digriet ta' access; dak li hu penalizzat b'din id- disposizzjoni huwa biss in-nuqqas, minghajr raguni xierqa, li wiehed jaghti access meta, fost sitwazzjonijiet ohra, jkun gie ordnat li jaghti dak l-access.

[9] Per eżempju nuqqas ta' għoti t'aċċess f'ċirkostanzi partikolari fejn it-tifel minuri kien ibagħti mill-awtiżmu ġie ritenut bħala raġuni xierqa biex fl-okkażjoni inkriminata l-aċċess ta' jiġix mogħti – ara ***Il-Pulizija vs. Anna Cassar*** deċiża minn din il-Qorti kif komposta iżda diversament presjeduta nhar is-7 t'April 2015.

rikjest mill-Liġi biex in-nuqqas t'osservanza skrupoluża jkun jista' jitqies ġustifikat.

28. Ir-rifjut rikjest mill-Liġi jista' jieħu forom differenti. Rifjut jista' jkun dirett u espliċitu fejn bi kliem jew egħmil ċar u tond persuna ordnata tiddikjara jew turi li ma kienetx sejra taderixxi mad-dmirijiet tagħha. Iżda rifjut jista' wkoll ikun indirett u impliċitu billi persuna ordnata, għalkemm ma tużax kliem jew egħmil ċar u tond li bih persuna oħra tifhem ir-rifjut, iġġib ruħha b'mod u manjiera li, billi ġġib raġuni jew oħra, jew billi tagħmel egħmil jew billi tonqos milli taġixxi, xorta waħda twassal għal sitwazzjoni fejn l-ordni jew il-patt ma jiġi imwettaq u konsegwentement stultifikat xorta waħda. Fil-qosor, rifjut jista' jkun muri attivament bi kliem jew azzjoni newtralizzanti l-ordni; iżda jista' jkun ukoll riżultat t'inerzja fejn għalkemm pożittivament obbligata li taġixxi u twettaq l-ordni, persuna minflok iġġib skuża mhux xierqa biex tonqos milli taġixxi kif ordnata jew obbligata.

29. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkonkludiet li l-appellanta irrifjutat li tagħti l-aċċess lill-parte civile matul il-perjodu indikat fil-komparixxi (u din il-Qorti rat ukoll li dan kien anke fl-isfond tal-kwistjoni li qamet bejniethom dwar il-manteniment li l-appellanti kienet qed ittenni li kellu jiġi rivedut). Din il-Qorti tqis li mill-assjem tal-provi prodotti quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal għal dik il-konklużjoni billi temmen il-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* aktar minn dik mogħtija mill-appellanti.

## *Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja,***
***Imħallef***